

31979L0533

L 145/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.6.1979

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Mejju 1979

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-mekkaniżmu tat-tqabbid u mat-treġġiegħ lura ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija

(79/533/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

għall-foresterija. Din tista' tkun mgħammra biex iġġorr tagħbija u passiġġieri.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għat-tratturi definiti fil-paragrafu 1 li għandhom tajers pneumatici u li għandhom żewġ fusien u disinn ta' veloċità massimu ta' bejn 6 u 25 km/h.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-ħtiġiet tekniċi tat-tratturi għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali li jirrelataw fost ħwejjeġ oħra mal-mekkaniżmu tat-tqabbid u mat-treġġiegħ lura;

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal trattur fuq il-bażi li l-mekkaniżmu tat-tqabbid jew tat-treġġiegħ lura jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet imniżżla fl-Annessi hawn mehmuża.

Billi dawn il-ħtiġiet iwarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet fl-Istati Membri li jirrelataw ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija ⁽⁴⁾, li għandhom jiġu applikati fir-rigward ta' kull tip ta' trattur,

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' tratturi minħabba raġunijiet li jirrelataw mal-mekkaniżmu tat-tqabbid jew tat-treġġiegħ lura jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fl-Annessi hawn mehmuża.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 4

Artikolu 1

1. "Trattur għall-agrikoltura jew għall-foresterija" tfisser kull vettura bil-mutur mgħammra bir-roti jew *tracks* mingħajr tarf, li jkollha talanqas żewġ fusien, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun il-qawwa tal-ġibda u li tkun iddisinjata speċifikament biex tiġbed, timbotta, iġġorr jew tħaddem ċerti *power tools*, makkinarju jew karrijiet maħsuba użati għall-agrikoltura jew

Kull emendi meħtieġa għall-adattament tal-ħtiġiet ta' l-Annessi għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifikazzjoni tagħha u għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni b'dan.

⁽¹⁾ ĠU C 268, tal-11.11.1978, p. 34

⁽²⁾ ĠU C 296, tal-11.12.1978, p. 69

⁽³⁾ ĠU C 128, tal-21.5.1979, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġu komunikati lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Mejju 1979.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għall-Kunsill

Il-President

A. GIRAUD

ANNEX I

MEKKANIŻMU TA' TQABBID

1. Numru


Kull trattur għandu jkollu mekkaniżmu speċjali li miegħu jkun possibbli li titqabba konnessjoni bħal virga ta' l-irmonk jew ħabel ta' l-irmonk għall-għanijiet ta' l-irmunkar.

2. Pożizzjoni


Il-mekkaniżmu għandu jkun iffittjat fuq quddiem tat-trattur, li għanddu jkun mgħammar b'pern tat-tqabbid.

3. Disinn

Dan il-mekkaniżmu għandu jkun tat-tip slotted-jaw. Id-dimensjonijiet funzjonali speċifikati



all dimensions in mm



Il-pern tat-tqabbid għandu jkollu dijametru ta' $30 + 1.5$ mm li għandu jiġi ffittjat ma' mekkaniżmu li jipprevjeni li jinqala' matul l-użu. Il-mekkaniżmu tat-tqabbid m'għandux ikun jista' jinqala'.

It-tolleranza ta' $+ 1.5$ msemija hawn fuq m'għandhiex titqies bħala tolleranza ta' manifattura iżda bħala varjazzjoni permessa fid-dimensjonijiet nominali għall-pernijiet ta' disinj differenti.

ANNEX II

TREĠĠIEGĦ LURA

It-tratturi kollha għandhom ikunu mgħammra b'mekkaniżmu għat-treġġiegħ lura li jkun jista' jitħaddem mill-pożizzjoni tas-sewwieq.